Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (EU Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Paul Camilleri)

vs

Perry Blake Simpson u Romilda Pulis

Illum 8 ta' Frar, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati fuq imsemmija Perry Blake Simpson, iben Terence u Maria Grazia nee' Aquilina, detentur ta' karta tal-identita Nru. 275001(L) u Romilda Pulis, mart Roderick, bint Loreto Falzon u Rita nee' Tabone, detentrici ta' karta tal-identita Nru. 616082(M) li permezz taghhom huma gew akkuzati talli bejn l-4 ta' Settembru 2001 u s-7 ta' Settembru 2001 fil-Belt – Valletta :

1) ikkommettew serq ta’ LM 207 u dan billi ghamlu uzu ta’ quick cash card mahruga mill-H.S.B.C f’isem Franklin Abela minn Rahal Gdid u dan bi ksur tal-artikoli 261(c)-(d), 267 u 268 (d) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

2) ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat fuq akkont ta’ terzi persuni b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f’dawk l-atti jew skrittura wara li jkunu iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe il-quick cash card tal-H.S.B.C mahruga f’isem Franklin Abela u dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

3) xjentament ghamlu uzu minn att, kitba jew skritturi foloz, u cioe minn quick cash card mahruga f’isem Franklin Abela u dan bi ksur tal-artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

4) b’mezzi kontra l-ligi billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor,

ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamlu qliegh ta’ LM 207 ghad-dannu ta’ Franklin Abela u dan bi ksur tal-artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

5) bi hsara ta’ haddiehor, ghamlu qligh iehor b’qerq ghad-dannu ta’ Franklin Abela u dan bi ksur tal-artikolu 309 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

6) ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamlu uzu minn dokument falsifikat u cioe minn quick cash card mahruga minn awtorita pubblika u dan bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija iwiegbu li ma ghandhom oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija debitament assistiti volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-

imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom u dan waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar, 2002;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi z-zewg imputati fuq imsemmija mal-ewwel ammettew mieghu l-involviment taghhom f'dawn ir-reati, u ikkopperaw matul l-investigazzjoni;

Rat ukoll illi z-zewg imputati fuq imsemmija ghandhom fedina penali netta u semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi r-refurtiva giet rekuperata mill-Prosekuzzjoni u effettivament waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar, 2002 ir-refurtiva giet mghoddija lid-derubat Franklin Abela illi iddikjara illi ma kellu l-ebda pretenzjoni ulterjuri kontra z-zewg imputati fuq imsemmija.

Ikkunsidrat :

Taqta u tiddeciedi illi fuq ammissjoni volontarja taz-zewg imputati fuq imsemmija tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom il-Qorti issib liz-zewg imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (c) u (d), 267, 268 (d), 183, 184, 308, 309 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi z-zewg imputati

fuq imsemmija ghandhom fedina penali netta, il-fatt illi ikkollaboraw mal-Prosekuzzjoni waqt l-investigazzjoni taghha, il-fatt illi irregistraw ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellhom, kif ukoll il-fatt illi r-refurtiva giet rekuperata u giet mghoddija lil sidha.  Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut u tara illi jkun ferm aktar ta' beneficcju ghaz-zewg imputati fuq imsemmija, kif ukoll ghas-socjeta' in generali illi z-zewg imputati fuq imsemmija jinghataw opportunita ohra sabiex jirriformaw hajjithom u jaqbdu t-triq it-tajba.  Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija u wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt illi tilliberahom tobbliga liz-zewg imputati fuq imsemmija u torbothom illi ma jaghmlu l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghhom skond il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur